MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2004

Rikors Numru. 356/2004

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1145/04 fl-ismijiet:**

**Primrose Poultry Products Limited**

**Vs**

**Emanuel Agius**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta illi permezz tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet fuq imsemmija giet issekwestrata mill-poter ta' diversi persuni s-somma ta' elf erba' mija u hmistax il-lira Maltin u tletin centezmu (Lm1415.30) rapprezentanti prezz allegatament mhux imhallas lir-rikorrenti ghal flieles mibjugha u kkonsenjati.

Illi dan il-mandat ma sarx validament. Dan peress li:

1. Fl-ewwel lok in linea preliminari, dan il-mandat ma sarx quddiem il-Qorti kompetenti. L-intimat jghix Ghawdex u huwa jezercita n-negozju tieghu unikament f'Ghawdex. Ghalhekk kwalunkwe negozju li seta' sar ma' l-intimat seta' gie negozjat u konkluz f'Ghawdex biss.
2. Illi fil-mertu, l-intimat ma xtara l-ebda flieles minghand ir-rikorrenti u ghalhekk m'ghandux hlasijiet x'jaghtih.
3. Fit-tielet lok, ir-rikorrenti qatt ma interpella lill-intimat sabiex jaghtih xi hlas skond kif imsemmi f'dan il-mandat. Kien jispetta lilu li qabel jippocedi bil-mizura drastika tal-mandat ta' sekwestru, ta' lanqas jaghmel talba bil-miktub lill-intimat.
4. Fi kwalunkwe kaz ma hemm ebda raguni ghaliex ghandu jinhareg dan il-mandat. Kif jista' jigi kkonfermat u ppruvat lil din il-Qorti, l-intimat huwa notorjament likwidu u ma hemm ebda perikolu kwalsiasi li xi kreditu jista jkollu r-rikorrenti jkun eluz.

Talab bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tal-artikolu 283 A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka ghal kollox l-effetti ta' dan il-mandat.

Rat id-digriet taghha precedenti moghti fit-30 ta' Gunju 2004 (fol 2 tal-atti).

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata (fol 10 tal-atti u li biha esponiet bir-rispett:

Illi s-socjeta esponenti ghadha kemm giet notifikata bid-digriet ta' din il-Qorti fejn inghatat jumejn zmien biex twiegeb ghar-rikors tas-sekwestrat Agius.

Illi s-socjeta esponenti tishaq li l-mandat sar validament u t-talba fir-rikors tas-sekwestrat Agius m'ghandhiex tigi milqugha.

**Procedura:**

Illi r-rikors mressaq minn Emanuel Agius huwa irritu u null u ghandu jigi michud bl-ispejjez. Dan qed jinghad minhabba l-fatt illi dan ir-rikors huwa bbazat fuq l-artikolu 283A tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan l-artikolu jitratta specifikament dwar l-impunjazzjoni ta' atti esekuttivi. Il-mandat ta' sekwestru odjern ma hux att ezekuttiv izda att kawtelatorju u ghalhekk l-argumenti kollha mqajma taht il-kappa tal-artikolu 283A ma jistghu qatt isibu sostenn.

**Mertu:**

Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonsidra l-punti imqajma fir-rikors odjern, xorta wahda ghandha tasal ghall-konkluzzjoni li t-talba ghar-revoka tal-mandat ghandha tigi michuda u dan minhabba r-ragunijiet segwenti. Dawn ir-ragunijiet ser jigu trattati bl-istess ordni li tqajmu l-punti fir-rikors tas-sekwestrat Agius.

**Privilegium Fori:**

Illi in kwantu jirrigwarda l-ewwel punt, donnu li s-sekwestrat qieghed jipprova jitlob il-privilegium fori.

Illi s-socjeta esponenti taghmel referenza ghall-fatt illi fis-sekwestru li fl-atti tieghu sar dan ir-rikors hemm zewg sekwestrati: Emanuel Agius u il-Koperattiva Tat-Tjur Limited. Illi anke l-kawza sussegwenti saret kontra dawn it-tnejn min-nies.

Illi l-koperattiva Tat-Tjur Limited hija Koperattiva validament registrata b'ufficju Malta u hija ghall-skopijiet u effetti kollha tal-ligi residenti Malta.

Illi ghalhekk f'dan is-sekwestru hemm zewg sekwestrati wiehed residenti Ghawdex u iehor residenti Malta. L-istess haga naturalment fil-kawza li giet presentata.

Illi f'kazijiet bhal dawn fejn hemm numru ndaqs ta' konvenuti residenti f'Malta u Ghawdex, il-*privilegium fori*

jispicca.  F'das-sens referenza ssir ghall-artikolu 769 tal-Kodici Tal-Organizzazzjoni u Procedura Civli.

769. Where the number of the defendants residing in the Island of Malta is equal to that of the defendants residing in the Islands of Gozo and Comino, the privilegium fori shall cease.

**Nuqqas ta' Relazzjoni Guridika:**

Illi in kwantu jirrigwarda t-tieni punt mqajjem mis-sekwestrat Agius, anke hawnhekk l-istess Agius ma hux korrett.

Illi fil-fatt is-sekwestrat Agius darbtejn xtara flieles minghand is-socjeta esponenti u darbtejn accetta l-konsenja tal-istess.  Fil-fatt fit-12 ta' Jannar 2004 Agius xtara 7000 fellus bil-prezz ta' Lm1262. F'das sens ara Dok. A1, li hija invoice No. 048248, indirizzata lis-sekwestrati solidalment bejniethom. Din il-fattura hija debitament iffirmata mill-istess Emanuel Agius.  Qed tigi esebita wkoll bhala Dok . B1, debitament iffirmata mill-istess Emanuel Agius, id-delivery order tal-istess konsenja ta' flieles.

Illi fid-19 ta' Jannar 2004 Agius xtara 7665 fellus bil-prezz ta' Lm1381.70. F'das-sens ara Dok A2, li hija invoice No. 048287, indirizzata lis-sekwestrati solidalment bejniethom. Din il-fattura hija debitament iffirmata mill-istess Emanuel Agius.  Qed tigi esebiti wkoll bhala Dok. B2, debitament iffirmata mill-istess Emanuel Agius. id-delivery order tal-istess konsenja tal-flieles.

Illi fit-18 ta' Mejju 2004 Emanuel Agius hallas is-somma ta' Lm1228.40 (vide Dok D) u ghalhekk ghad fadallu bilanc xi jhallas ta' Lm1415.30 – li huwa l-ammont imsemmi fis-sekwestru..

Illi huwa importanti wkoll li l-bejgh tal-flieles huwa regolat strett mill-ligi partikolarment mill- A.L. 51 tal-1997 u mill-Att Dwar is-Servizzi Veterinarji.  **Sabiex bniedem jixtri**

**flieles irid igib awtorizzazzjoni specjali minghand id-Direttur Tas-Servizzi Veterinarji, u s-socjeta esponenti hija strettament marbuta bil-ligi li tbiegh flieles biss lil dik il-persuna li tkun gabet tali awtorizzazzjoni.**

Fil-fatt ghal dawn iz-zewg partiti flieles gie awtorizzat biex jixtri l-flieles l-istess Emanuel Agius (Vide Doks. E1 u E2). L-istess “Authority to Purchase Chicks” (maghrufa fix-xoghol bhala l-karta s-safra). Huma specifici li dawn il-flieles kellhom jinxtraw minghand is-socjeta’ esponenti. Emanuel Agius mal-Gvern huwa registrat bhala breeder number PBG001 (Vide Dok. F li juri estratt tal-lista ta’ licenced poultry producers ta’ Malta u Ghawdex).

Illi s-socjeta’ esponenti wara li tbiegh il-flieles hija obbligata li formalment tinforma lid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji lil min tkun bieghet il-flieles. Ghalhekk sabiex il-kwadru jkun komplut qed jigu esebiti bhala Dok. C1 u C2, ir-returns li ghamet is-socjeta’ esponenti lid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji fejn jidhru rispettivament iz-zewg partiti flieles mibjugha lil breeder numer PBG001.

Illi l-bejgh ta’ flieles huwa regolat strettament mill-Awtoritajiet Veterinarji u hemm pieni horox hafna jekk issir xi infrazzjoni f’dan il-qasam. Qeghdin hawn jigu esibiti xi whud mill-ittri (Dok G1 et seq) mibghuta mill-Awtorijatiet Veterinarji lis-socjeta’ Esponenti dwar dan, sabiex il-Qorti tapprezza kif tahdem din is-sistema u l-impossibilta’ ta’ dak li qed jissuggerixxi s-sekwestrat Agius.

Illi dwar il-Koperattiva tat-Tjur Limited, l-involviment taghhom huwa li dawn kienu responsabbli ghall-hlas solidalment ma’ Agius, u b’hekk isimhom tnizzel fil-fattura bhala ‘jointly and severally’.

Illi ghalhekk m’ghandux ikun hemm dubju dwar ir-relazzjoni guridika bejn is-sekwestrat u s-socjeta’ esponenti.

**Nuqqas ta’ Interpellazzjoni:**

Illi jrid jinghad illi s-socjeta' esponenti ma hijiex obbligata li toqghod taghmel interpellazzjoni qabel ma tintavola mandat ta' sekwestru. Fil-fatt anke wara li gie intavolat il-mandat ta' sekwestru, xorta kellha tigi intavolata l-kawza stante li s-sekwestrat la hallas u lanqas ma talab zmien sabiex jiddiskuti l-affarijiet.

Illi madankollu mhux minnu li s-sekwestrat qatt ma gie interpellat. Fl-ewwel lok is-sekwestrat kien jircievi statements regolarment. Fit-tieni lok qabel ma gie intavolat is-sekwestru s-sekwestrat intbaghtitlu ittra legali fejn inghata zmien biex ihallas il-bilanc minnu dovut. Din l-ittra intbaghtet fis-7 ta' Mejju 2004 u kopja taghha qed tigi esebita bhal Dok H.

**Notorjament Likwidu:**

Illi dwar ir-raba punt imqajjem mis-sekwestrat, li fil-fatt huwa notorjament likwidu, is-socjeta' esponenti tittama li dan huwa minnu, izda s'issa l-fatti u l-attitudini tas-sekwestrat weriet xort'ohra.

Illi jekk is-sekwestrat jhoss li huwa tant likwidu allura m'ghandu jkollu ebda problema li jew ihallas l-ammonti minnu dovuti jew inkella li jiddeposita l-ammont rikjest taht l-awtorita' tal-Qorti.

Illi ghar-ragunijiet hawn fuq imressqa s-socjeta esponenti thoss li din il-Qorti m'ghandhiex tirrevoka il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet hawn fuq imsemmija u li r-rikors ta' Emanuel Agius ghandu jigi michud bl-ispejjes.

Rat dak verbalizzat fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2004 (fol 7 tal-atti) b'mod specjali:

a) dak rilevat mir-rikorrenti fis-sens li dan ir-rikors hu basat fuq l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux dak citat, erroneament, fir-rikors in esami.
b) dak dikjarat mill-istess rikorrenti fil-paragrafu 5 fis-sens li din il-premessa giet irtirata in vista li fil-kawza intavolata hemm parti li tirrisjedi hawn Malta u b'hekk dak kollu relattiv ghal 'beneficium fori' gie irtirat mill-istess rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni, fil-qasir, tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi, kif di gja gie premess, dan ir-rikors hu basat fuq l-artikolu 836 imsemmi fejn jinghad li l-intimat li kontrih jkun inhareg mandat kawtelatorju, bhal fil-kaz in desamina jista' jitlob illi l-istess mandat jigi revokat jew ghal kollox jew f'parti minnu ghal xi wahda mir-ragunijiet specifikati u elenkati fl-istess artikolu. Fost il-kawzali msemmija ta' minn jaccerna ghal certi minnhom li jistghu jkunu rilevanti ghal dan il-kaz cjoe:

d. jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustikat jew ikun eccessiv.

g. jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunux ragjonevoli li jinzammu fis-sehh l-att kawtelorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhumiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Ikkunsidrat

Illi kif sostna fix-xhieda tieghu l-istess rikorrenti, Anthony Zammit (fol 30 sa fol 49 tal-atti) spjega illi s-somma indikata fil-mandat in esami u pretisa mis-socjeta' intimata kienet giet, kollha kemm hi mhallsa, lil Koperattiva tat-Tjur, kemm minnu kemm mir-rikorrenti u dan kif evidenjat mill-fotokopji ta' 'cheques' a fol 41, 42 u  47 tal-atti u mill-ircevuti relattivi rilaxxati esebiti a fol 43, 44, 45, 46 u 49 tal-istess atti.  Dwar l-ircevuti ghandu jigi notat li dawn kollha gew rilaxxati mill-istess Koperattiva "… on behalf of Primrose Poultry Products Ltd'hlief ghall-ahhar wahda li giet rilaxxata direttament lil Emanuel Agius mis-socjeta' konvenuta.  Jigi notat, ulterjorment, li l-imsemmija 'cheques' gew mahrugin mir-rikorrenti kollha favur l-istess Koperattiva izda din da parti taghha kienet iggirathom favur is-socjeta intimata. (ara ukoll ix-xhieda tar-rikorrenti l-iehor George Cini (a fol 59 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi apparti dak premess, jidher mill-provi prodotti li f'dan il-kaz hemm kontestazzjoni fuq diversi fatti fosthom kemm kien l-ammont dovut mit-tlett rikorrenti u lil min kien dovut ir-relazzjoni giuridika bejn l-istess rikorrenti, s-socjeta intimata u l-Koperattiva wara li jigu kunsiderati l-kliem 'jointly and severally (liable)" miktubin fuq il-fatturi li jinsabu esebiti in atti, in fotokopja (ara fol 11 tal-atti ta' dan ir-rikors) u dwar x'gara mill-import tac-'cheques' wara li dawn inbaghtu lill-istess Koperattiva Dwar dan l-ahhar punt, jidher li, effettivament, l-import ta' dawn ic-'cheques' hlief ghal dak li ghalih tirreferi l-ircevuta a fol 49 tal-istess atti, kien gie appropjat sabiex jithallas parti mid-dejn dovut mill-koperattiva lis-socjeta intimata (ara dak li xehed l-Avukat Kris Borg a fol 72 u fol 75 tal-atti fuq dan l-istess punt).

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess minn fejn jidher x'inhuma il-'facts at issue' bejn ir-rikorrenti kollha, is-socjeta intimata kif ukoll il-Koperattiva, il-Qorti tinsab rinfaccjata bl-allegazzjoni fondata li aktarx, ir-rikorrenti kollha hallsu l-ammont kollu li jista' jkun pretiz mis-socjeta intimata liema hlas kien sar direttament lill-istess koperattiva. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tara li 'prima facie' is-socjeta intimata ma kellhiex bzonn li tikkawtela l-allegat kreditu vantat minnha vis-à-vis ir-rikorrenti kollha. Difatti, jidher li ma jkunx ragjonevoli li fl-istess cirkostanza, ghandu jibqa' jsehh dan il-mandat tenut kont ukoll li 'prima facie' l-ammont mitlub ma hux gustifikat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba kif dedotta mir-rikors in esami a tenur tal-artikolu 836 citat tirrevoka ghal kollox l-effetti ta' dan il-mandat. In rigward l-ispejjes u tenut kont tac-cirkostanzi kollha, kull parti ghandha thallas l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------